**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Ottubru, 2023**

**Mandat Nru: 1188/2023/1 AF**

**Cleaven John Axiak**

**Christian Axiak**

**u**

**Carmen Axiak**

**vs**

**Pierre Axiaq**

**Rita Axiaq**

**u**

**Kelly Axiaq**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Cleaven John Axiak, Christian Axiak u Carmen Axiak, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija talbu lil din il-Qorti izzomm lil Pierre Axiaq, Rita Axiaq u Kelly Axiaq milli jinstallaw, iwahhlu jew iqabbdu kwalunkwe komunikazzjonijiet ta' drenagg, katusi, kanen u/jew *overflow* mal-kanen jew katusi li ghaddejjin minn u jaghtu ghal gewwa tal-garaxx bin-numru 53, bl-isem "Safety Garage", fi Triq il-Karmnu, Haz-Zabbar, jew milli jqabbdu ma' xi katusi ezistenti li jispiccaw fl-istess garaxx.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimati li permezz taghha, ghar-ragunijiet imfissra, sostnew li t-talba ghandha tigi michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Rat l-Art. 873 u l-gurisprudenza relatata.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura r-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Qorti zzomm lill-intimati milli jikkomunikaw ma' katusi tad-drenagg li jghaddu mill-garage proprjetà taghhom.

Jirrizulta mad-daqqa t'ghajn illi l-intimati huma proprjetarji tal-fond u l-arja sovrastanti garage proprjetà tar-rikorrenti. Jirrizulta li s-sistema ta' drenagg tal-fond ezistenti prezentement tghaddi mill-garage tar-rikorrenti. L-intimati qeghdin jizviluppaw l-arja fuq il-proprjetà taghhom u hemm possibilità li jikkomunikaw sistemi ta' drenagg ohra ma' dik ezistenti.

Il-Qorti tinnota li dokument mahrug mill-perit inkarigat mill-izvilupp juri li m'hemmx hsieb li dan isir. Madanakollu,

galadarba l-intimati ma kienux disposti jifformalizzaw dan l-impenn, il-Qorti ser tghaddi ghad-decizjoni taghha.

Indipendentement mill-legalità jew ezistenza *o meno* ta' xi jedd li jista' jgawdi l-fond ezistenti fuq il-garaxx, jibqa' l-fatt li servitù ma tista' qatt tigi aggravata b'dan il-mod minghajr il-kunsens tas-sid tal-fond servjenti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kif kontenuta fir-rikors tal-4 ta' Lulju 2023.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF